MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1137/2003

**Allied Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Mario Apap**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm110.79c) rapprezentanti hlas dovut ghall-*premium* fuq polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

Illi l-konvenut irrisponda illi l-ammont mitlub mhux dovut stante li huwa qatt ma nkariga lis-socjeta' attrici sabiex tohrog il-polza ta' assigurazzjoni ndikata u fi kwalunkwe kaz l-ebda ammont m'hu dovut kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra x-xhieda traskritta (judiciary notes) ta’ Owen Meilaq u tal-konvenut, sema’ x-xhieda ta’ Christopher Darmanin in rapprezentanza tal-Licensing Office u ta’ Owen Meilaq.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-sena 2001 is-socjeta’ attrici bhala agent tal-Middlesea Insurance Plc harget polza ta’ assigurazzjoni fuq il-vettura LAE 815 versu l-*premium* ta’ mija u ghaxar liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm110.79c).

Jirrizulta wkoll li l-konvenut ma hallasx dan il-*premium*.

Illi effettivament l-insurance policy in kwistjoni giet debitament irregistrata ma’ l-Ufficju tal-Licenzji sabiex tinhareg *road licence* ghas-sena 2001 ghall-vettura tal-konvenut.

Il-konvenut xehed illi ma talabx il-hrug tal-polza u lanqas ma wzaha izda mill-provi prodotti mhux talli din l-aserzjoni ma tirrizultax, talli tirrizulta bil-kontra.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta ppruvata u gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm110.79c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-19 ta’ Gunju, 2003 (data tan-notifika ta’ l-Avviz) kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------